KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
CAMPOS SÁNCHEZ-BORDONA
ippreżentati fis-6 ta' Frar 2025 [1]

Kawża C-82/24

Miejskie Przedsiębiorstwo Wodociągów i Kanalizacji w m.st. Warszawie S.A.
vs
Veolia Water Technologies sp. z o.o.,
Krüger A/S,
OTV France,
Haarslev Industries GmbH,
Warbud S.A.

(talba għal deċiżjoni preliminari, imressqa mis-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja))

"Proċedura għal deċiżjoni preliminari – Kuntratti pubbliċi – Direttiva 2004/18/KE – Artikolu 2 – Prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' trasparenza – Obbligu li la huwa espressament previst fid-dokumenti ta' sejħa għal offerti u lanqas fil-kuntratt – Applikazzjoni supplettiva tal-leġiżlazzjoni ċivili b'riferiment għall-klawżoli kuntrattwali – Tiġdid tal-garanzija li tirriżulta mill-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet legali applikabbli b'analoġija – Offerent raġonevolment informat u normalment diliġenti"

1. Fit-tilwima li tagħti lok għal dan ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari, jiġi diskuss it-terminu ta' garanzija miftiehem bejn l-awtorità kontraenti u l-offerent rebbieħ ta' kuntratt pubbliku li l-għan tiegħu kien l-espansjoni u l-immodernizzazzjoni ta' impjant tat-trattament tal-ilma mormi.

2. Il-kontroversja hija ċċentrata madwar it-tiġdid eventwali tal-perijodu tal-garanzija, lil hinn minn dak li kien miftiehem b'mod espliċitu fil-kuntratt. Il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar jekk dan it-tiġdid, kif impost unilateralment mill-awtorità kontraenti, huwiex kompatibbli mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE [2], applikabbli *ratione temporis*.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

[2] Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132).

I. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Id-Direttiva 2004/18

3. L-Artikolu 2 (“Prinċipji ta’ assenjar ta’ kuntratti”) jipprovdi:

“L-awtoritajiet kuntrattwali se jistmaw l-operaturi ekonomiċi ugwali u bla diskriminazzjoni u se jaġixxu b’mod trasparenti”.

4. L-Artikolu 12 (“Kuntratti ta’ servizzi fis-setturi ta’ l-ilma, enerġija, trasport u posta”) jiddikjara:

“Din id-Direttiva m’għandhiex tapplika għal kuntratti pubbliċi li, taħt id-Direttiva 2004/17/KE, huma mogħtija minn awtoritajiet kontrattwanti li jkunu qed jeżerċitaw xi attività jew aktar li sar riferiment għalihom fl-Artikoli 3 sa 7 ta’ dik id-Direttiva u huma mogħtija għas-segwiment ta’ dawk l-attivitajiet, jew għal kuntratti pubbliċi eskluži mill-iskop ta’ dik id-Direttiva taħt l-Artikolu 5(2) u l-Artikoli 19, 26 u 30 tagħha.

Madankollu, din id-Direttiva għandha tkompli tapplika għal kuntratti pubbliċi mogħtija minn awtoritajiet kontrattwanti li jkunu qegħdin iwettqu attività jew aktar li sar riferiment għalihom fl-Artikolu 6 tad- Direttiva 2004/17/KE u mogħtija għal dawk l-attivitajiet, safejn l-Istat Membru konċernat jieħu vantaġġ mill-għażla li sar riferiment għaliha fit-tieni s-sub-paragrafu ta’ l-Artikolu 71 tagħha biex tiddiferixxi l-applikazzjoni tiegħu”.

5. L-Artikolu 26 (“Kondizzjonijiet għal twettiq ta’ kuntratti”) jistabbilixxi:

“Awtoritajiet kontrattwanti jistgħu jniżżlu kondizzjonijiet speċjali relatati mat-twettiq ta’ xi kuntratt, basta dawn ikunu kompatibbli mal-liġi tal-Komunità u huma indikati fl-avviż tal-kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet. Il-kondizzjonijiet li jikkontrollaw it-twettiq ta’ xi kuntratt jistgħu, partikolarment, jikkonċernaw kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali”.

2. Id-Direttiva 2004/17/KE[3]

6. Skont l-Artikolu 4 (“Ilma”):

“1. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-attivitajiet li ġejjin:

a) il-provvediment jew operat ta’ xbieki fissati maħsuba biex jipprovdu servizz lill-pubbliku f’konnessjoni mal-produzzjoni, it-trasport jew id-distribuzzjoni ta’ l-ilma tax-xorb; jew

b) il-provvista ta’ l-ilma tax-xorb lil dawn ix-xbieki.

[3] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta’ Marzu 2004 li tikkoordina l-proċeduri ta’ akkwisti ta’ entitajiet li joperaw fis-setturi tas-servizzi ta’ l-ilma, l-enerġija, t-trasport u postali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 19).

2. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal kuntratti jew kuntesti ta' disinn mogħtija jew organizzati minn entitajiet li jsegwu attività riferita fil-paragrafu 1 u li:

a) huma konnessi ma' proġetti ta' inġinerija idrawlika, irrigazzjoni jew dranaġġ ta' l-art (*land drainage*), basta iżda li l-volum ta' ilma li jrid jintuża għall-provvista ta' l-ilma tax-xorb jirrappreżenta aktar minn 20 % mill-volum totali ta' l-ilma magħmul disponibbli minn dawn il-proġetti jew irrigazzjoni jew stallazzjonijiet ta' dranaġġ, jew

b) huma konnessi mar-rimi/qerda jew it-trattament tal-ħmieġ tad-dranaġġ.

[…]".

7. L-Artikolu 10 ("Prinċipji ta' għoti ta' kuntratti") jipprovdi:

"Entitajiet kontraenti għandhom jittrattaw lil operaturi ekonomiċi ugwalment (indaqs) u mhux b'mod diskriminatorju u għandhom jaġixxu b'mod trasparenti".

8. L-Artikolu 38 ("Kondizzjonijiet għat-twettieq ta' kuntratti") jipprevedi:

"Entitajiet kontraenti jistgħu jippreskrivu kondizzjonijiet speċjali li għandhom x'jaqsmu mat-twettieq ta' kuntratt, basta li dawn huma kompatibbli mal-liġi Komunitarja u huma ndikati fl-avviż użat bħala mezz ta' sejħa għall-kompetizzjoni jew fl-ispeċifikazzjonijiet. Il-kondizzjonijiet li jirregolaw it-twettieq ta' kuntratt jistgħu, partikolarment, jirrigwardjaw konsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali".

B. Il-kuntest ġuridiku nazzjonali

1. (Dik li kienet) il-Liġi tal-Kuntratti Pubbliċi, tad-29 ta' Jannar 2004[4]

9. Skont l-Artikolu 29(1), l-ispeċifikazzjonijiet ser jiddeskrivu s-suġġett tal-kuntratt b'mod inekwivoku u eżawrjenti, permezz ta' espressjonijiet preċiżi u li jinftiehmu biżżejjed, filwaqt li jitqiesu r-rekwiżiti u ċ-ċirkustanzi kollha li jistgħu jinfluwenzaw it-tħejjija tal-offerta.

10. Il-punt 16 tal-Artikolu 36(1) jistipula li l-ispeċifikazzjonijiet għandu jkun fihom, mill-inqas, il-klawżoli essenzjali għall-partijiet, il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kuntratt jew il-mudell tal-kuntratt, jekk l-awtorità kontraenti tkun teħtieġ li l-kuntrattur jidħol f'kuntratt pubbliku magħha taħt dawk il-kundizzjonijiet.

2. Il-Kodiċi Ċivili[5]

11. Skont l-Artikolu 353:

"Il-partijiet fil-kuntratt jistgħu jiddeterminaw liberament il-kontenut tar-relazzjoni ġuridika, sakemm l-għan jew l-iskop tagħha ma jkunux kuntrarji għall-karatteristiċi essenzjali (in-natura) ta' tali relazzjoni, għal-liġi jew għar-regoli tal-ħajja fis-soċjetà".

[4] Ustawa z dnia 29 stycznia 2004 r. Prawo zamówień Publicznych (Dz. U. tal-2007, Nru 223, pożizzjoni 1655, kif emendata).

[5] Ustawa z dnia 23 kwietnia 1964 r. Kodeks cywilny (Dz. U. tal-1964, Nru 16, pożizzjoni 93, kif emendata).

12. L-Artikolu 581(1) li jinsab fit-titolu ddedikat għall-kuntratti ta' bejgħ, jinkludi dan li ġej:

"Jekk, fit-twettiq tal-obbligi tiegħu, il-garanti jkun ikkonsenja lill-benefiċjarju tal-garanzija, minflok oġġett difettuż, oġġett li ma jkunx difettuż, jew ikun wettaq tiswijiet rilevanti għall-oġġett kopert mill-garanzija, il-perijodu tal-garanzija jerġa' jibda jiddekorri mill-mument tal-kunsinna tal-oġġett li ma jkunx difettuż jew ir-ritorn tal-oġġett imsewwi. Fejn il-garanti jkun biddel parti mill-oġġett, din id-dispożizzjoni għandha tapplika *mutatis mutandis* għall-parti mibdula".

II. Il-fatti, it-tilwima u d-domanda preliminari

13. Miejskie Przedsiębiorstwo Wodociągów i Kanalizacji w m.st. Warszawie S.A.[6] (iktar 'il quddiem l-"awtorità kontraenti") ippubblikat avviż ta' sejħa għall-offerti miftuħa għall-għoti tal-kuntratt Nru 8/JRP/R/2008 "Modernizzazzjoni u espansjoni tal-impjant tat-trattament tal-ilma mormi ta' Czajka (trattament termali tal-ħama tad-drenaġġ)".

14. Konsorzju ta' kumpanniji mmexxi minn Veolia Water Technologies sp. z o.o. (iktar 'il quddiem "Veolia"), b'uffiċċju rreġistrat ġewwa Varsavja[7], ipparteċipa fil-proċedura u aġġudika l-kuntratt.

15. Fl-1 ta' Awwissu 2008, ġie ffirmat il-kuntratt bejn Veolia u l-awtorità kontraenti.

16. Il-kuntratt kien jinkludi l-bini ta' impjant ta' trattament termali tal-ħama tad-drenaġġ, li fih kellhom jiġu installati żewġ rekuperaturi, kull wieħed fuq linji indipendenti ta' inċinerazzjoni tal-iskart.

17. Il-kuntratt kien jinkludi wkoll klawżola ("ittra ta' garanzija") li kienet tiffissa perijodu ta' garanzija ta' sitta u tletin xahar, li kien jibda jiddekorri mid-data tal-kunsinna taċ-ċertifikat finali tax-xogħol.

18. Is-subklawżola 6.1 tal-kuntratt kienet tistipula li "f'materji li ma humiex irregolati b'din l-ittra ta' garanzija, għandhom japplikaw ir-regoli korrispondenti tad-dritt Pollakk, b'mod partikolari tal-Kodiċi Ċivili […]".

19. Ix-xogħlijiet koperti mill-kuntratt kellhom jitwettqu qabel it-30 ta' Ottubru 2010. Madankollu, l-iskadenza ġiet estiża sat-30 ta' Novembru 2012. Fil-21 ta' Marzu 2013, inħareġ iċ-ċertifikat finali tax-xogħol.

20. Fis-26 ta' Settembru 2014 u fit-3 ta' Marzu 2015, l-awtorità kontraenti informat lil Veolia, rispettivament, li r-rekuperaturi tal-linja 2 u l-linja 1 kienu difettużi.

21. B'mod konformi mal-ittra ta' garanzija, Veolia biddlet ir-rekuperaturi difettużi. It-tnedija tat-tħaddim tar-rekuperaturi l-ġodda saret fit-22 ta' Frar u fit-28 ta' April 2016.

22. Fis-27 ta' Novembru 2018, l-awtorità kontraenti kkomunikat lil Veolia rigward ħsara (ġdida) taż-żewġ rekuperaturi mibdula u talbet it-tiswija jew is-sostituzzjoni tagħhom taħt il-garanzija.

[6] Din hija l-kumpannija inkarigata mill-provvista tal-ilma tax-xorb u t-trattament sanitarju tal-ilma mormi tal-belt ta' Varsavja (il-Polonja).

[7] Minbarra Veolia, il-konsorzju kien jinkludi Krüger A/S, bis-sede f'Søborg (id-Danimarka); OTV France, bis-sede f'Saint-Maurice (Franza); Haarslev Industries GmbH, bis-sede f'Bruchsal (il-Ġermanja), u Warbud S.A., bis-sede f'Varsavja. Iktar 'il quddiem, nifhem li Veolia taġixxi f'isem il-konsorzju.

23. Veolia rrifjutat li tindirizza t-talba billi argumentat li l-perijodu ta' kopertura mill-garanzija kien skada.

24. Id-diskrepanza bejn il-partijiet fil-kuntratt wasslet għal żewġ tilwimiet quddiem is-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja), li din il-qorti akkumulat għal deċiżjoni konġunta:

– Minn naħa waħda, l-awtorità kontraenti titlob mingħand Veolia l-ħlas ta' EUR 5 661 772.39 f'penali kuntrattwali, flimkien ma' azzjoni sussidjarja; u 11 351 601.62 zloty Pollakk (PLN) bħala kumpens għat-twettiq difettuż tal-kuntratt; b'mod sussidjarju, hija titlob l-ammont ta' EUR 2 533 839.65.

– Min-naħa l-oħra, Veolia titlob mill-awtorità kontraenti l-ħlas ta' EUR 3 766 666.36, li jikkorrispondu għall-ammonti miġbura minnha mill-garanziji bankarji pprovduti.

25. F'din is-sitwazzjoni, il-qorti li għandha tiddeċiedi dwar dawn it-tilwimiet tagħmel id-domanda preliminari li ġejja lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"Il-prinċipji ta' trasparenza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' kompetizzjoni leali, imsemmija fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE […] għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu interpretazzjoni tad-dritt nazzjonali li tippermetti li jiġi stabbilit il-kontenut ta' kuntratt pubbliku konkluż ma' konsorzju kompost minn entitajiet ta' Stati Membri differenti tal-Unjoni Ewropea billi jittieħed inkunsiderazzjoni, f'dan il-kuntratt, obbligu li jista' jaffettwa indirettament id-determinazzjoni tal-prezz fl-offerta magħmula minn [dan il-konsorzju], fejn dan l-obbligu la huwa espressament previst fid-dispożizzjonijiet tal-kuntratt u lanqas fid-dokumentazzjoni ta' sejħa għal offerti iżda jirriżulta minn dispożizzjoni tad-dritt nazzjonali mhux direttament applikabbli għal dan il-kuntratt, li madankollu hija suġġetta għal applikazzjoni b'analoġija?"

III. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

26. It-talba għal deċiżjoni preliminari ġiet irreġistrata fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Frar 2024.

27. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn Veolia, l-awtorità kontraenti, il-Gvern Pollakk u l-Kummissjoni Ewropea.

28. Ma ġiex ikkunsidrat essenzjali li tinżamm seduta.

IV. Analiżi

A. Osservazzjonijiet preliminari

1. Id-Direttiva applikabbli

29. Il-Kummissjoni tittratta, qabel kollox, il-kwistjoni jekk id-Direttiva 2004/18 hijiex applikabbli f'din il-kawża jew jekk, għall-kuntrarju, hijiex applikabbli d-Direttiva 2004/17[8].

[8] Skont l-Artikolu 12 tad-Direttiva 2004/18, din id-direttiva ma tapplikax għall-kuntratti pubbliċi li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2004/17.

30. Id-Direttiva 2004/17 tirregola, speċifikament, kuntratti jew kompetizzjonijiet ta' disinn mogħtija jew organizzati minn entitajiet iddedikati għall-provvista ta' ilma tax-xorb permezz ta' networks ta' distribuzzjoni fissi, sakemm dawn il-kuntratti jkunu relatati, fost attivitajiet oħra, mar-rimi/qerda jew it-trattament tal-ilma mormi (l-Artikolu 4(1) u (2) tad-Direttiva 2004/17).

31. Kif tenfasizza l-Kummissjoni[9], li naqbel mal-evalwazzjoni tagħha, kollox jidher li jindika li d-Direttiva 2004/17 hija dik li għandha tiġi kkunsidrata, peress li:

– L-awtorità kontraenti tipprovdi l-ilma tax-xorb lill-abitanti tal-agglomerazzjoni ta' Varsavja u tħaddem in-networks fissi tal-provvista tal-ilma u ta' miżuri santiarji f'Varsavja.

– L-għan tal-kuntratt jikkonsisti fl-espansjoni u fl-immodernizzazzjoni ta' impjant ta' purifikazzjoni li jinkludi r-rimi/qerda jew it-trattament tal-ilma mormi, attivitajiet imsemmija espressament fl-Artikolu 4(2)(b) tad-Direttiva 2004/17.

32. Hija l-qorti tar-rinviju, li għandha għad-dispożizzjoni tagħha l-informazzjoni kollha dwar il-kuntratt u l-attività tal-awtorità kontraenti, li għandha tivverifika d-data fattwali li fuqha għandha tevalwa liema waħda miż-żewġ Direttivi hija applikabbli.

33. Fir-realtà, l-importanza prattika ta' din il-kwistjoni hija żgħira, peress li r-regolamentazzjoni tal-prinċipji tal-għoti ta' kuntratti fid-Direttiva 2004/18 (l-Artikolu 2) u fid-Direttiva 2004/17 (l-Artikolu 10) hija sostanzjalment l-istess.

34. Madankollu, ser niffoka l-attenzjoni tiegħi fuq l-interpretazzjoni tad-Direttiva 2004/18, li hija dik iċċitata fid-digriet tar-rinviju u li ffukaw fuqha l-intervenjenti matul il-proċedura għal deċiżjoni preliminari.

2. Id-Direttiva 2004/18 u l-eżekuzzjoni tal-kuntratt

35. Huwa iktar diffiċli li jiġi deċiż jekk l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 japplikax għal avveniment li seħħ fil-fażi ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt, snin wara li dan ikun ġie mogħti u konkluż.

36. Id-diffikultà tirriżulta mill-fatt li d-Direttiva 2004/18 kellha l-għan li tikkoordina l-*proċeduri ta' għoti* ta' ċerti kuntratti pubbliċi. Speċifikament, l-Artikolu 2 tagħha jiddikjara tliet prinċipji li għandu jkun suġġett għalihom l-"għoti tal-kuntratti".

37. Id-Direttiva 2004/18 irregolat b'mod estensiv l-*għoti* u kien fiha riferimenti iżolati għall-*eżekuzzjoni* tal-kuntratti. Għall-kuntrarju, id-Direttiva 2014/24/UE[10] sussegwenti tiddedika kapitolu speċifiku għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti pubbliċi[11].

38. Din id-differenza fis-sistemi għandha, madankollu, titqiegħed f'perspettiva: kwistjonijiet li d-Direttiva 2014/24 tiġbor taħt il-kapitolu ddedikat għall-eżekuzzjoni tal-kuntratti huma ttrattati fid-Direttiva 2004/18 b'sistema differenti, fit-titolu ddedikat lill-ispeċifikazzjonijiet u lid-dokumenti tal-kuntratt.

[9] Il-punt 35 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, fejn tindika s-sit tal-awtorità kontraenti (https://www.mpwik.com.pl/view/dane-spolki).

[10] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar l-akkwist pubbliku [kuntratti pubbliċi] u li tħassar id-Direttiva 2004/18/KE (ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68 u fil-ĠU L, 2023/90063).

[11] Kapitolu IV tat-Titolu II, Artikoli 70 sa 73, tad-Direttiva 2014/24.

39. Dan huwa l-każ, pereżempju, għad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kundizzjonijiet għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti (l-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/24 u l-Artikolu 26 tad-Direttiva 2004/18) jew is-subappalt (l-Artikolu 71 tad-Direttiva 2014/24 u l-Artikolu 25 tad-Direttiva 2004/18).

40. Fir-rigward tal-modifika tal-kuntratti matul it-terminu tagħhom, għalkemm id-Direttiva 2004/18 ma għandhiex dispożizzjoni ekwivalenti fil-kontenut għall-Artikolu 72 tad-Direttiva 2014/24, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet diġà interpretat l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 fis-sens li, wara l-għoti ta' kuntratt pubbliku, ma tistax issirlu modifika sostanzjali mingħajr il-ftuħ ta' proċedura ġdida għall-għoti ta' kuntratt [12].

41. F'din is-sitwazzjoni regolatorja, l-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18 għall-kawża inkwistjoni tista' tkun ibbażata fuq tliet suppożizzjonijiet: a) li, fir-realtà, modifika kuntrattwali sseħħ meta jiġi interpretat il-kontenut ta' klawżola fl-ispeċifikazzjonijiet billi jiġi dedott minnha obbligi li ma humiex espressament idderivati mill-istipulazzjonijiet miftiehma [13]; b) li l-ispeċifikazzjonijiet jew id-dokumenti kuntrattwali, minħabba li kienu jinkludu l-ittra ta' garanzija fit-termini li bihom għamlu dan, ma kinux kompatibbli mal-prinċipji tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18, diġà mill-faži tal-għoti; u c) li l-ittra ta' garanzija kienet tikkostitwixxi, fiha nnifisha, kundizzjoni ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt.

42. Minn dawn it-tliet suppożizzjonijiet, neskludi l-possibbiltà li saret *modifika* kuntrattwali, u għalhekk naqbel mal-Gvern Pollakk. It-teži tal-modifika ssib l-ostakolu li l-klawżola diskussa dehret fil-kuntratt mill-bidu nett. Barra minn hekk, din ġiet applikata b'mod effettiv u paċifiku, billi Veolia, l-ewwel darba li kien meħtieġ, issostitwiet ir-rekuperaturi difettużi.

43. Jekk Veolia ċaħdet li kien hemm obbligu ta' garanzija sabiex jiġu ssostitwiti t-"tieni" rekuperaturi, hija ma għamlitx dan minħabba li kienet ġiet introdotta modifika, iżda peress li, fl-opinjoni tagħha, dan l-obbligu kuntrattwali kien intemm bl-iskadenza tat-terminu miftiehem.

44. Meta nittratta l-ittra ta' garanzija mill-perspettiva tal-*għoti tal-kuntratt*, ma nsib l-ebda raġuni sabiex niċħad, bħala prinċipju, il-validità tagħha, u wisq inqas dik tal-kuntratt kollu kemm hu. Raġunijiet taċ-ċertezza legali u tas-sistema proprja tad-Direttiva dwar ir-reviżjonijiet [14] jipprevjenu l-ftuħ mill-ġdid tad-dibattitu dwar il-legalità ta' deċiżjoni ta' għoti aċċettata u li dak iż-żmien ma kinitx ġiet ikkontestata [15].

45. Fil-fatt, mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li l-kuntrattur ma jitlobx dikjarazzjoni ta' invalidità tal-għoti minħabba li l-kuntratt fih klawżola ta' garanzija li, kieku kellha l-portata temporali li issa tagħtiha l-awtorità kontraenti, kienet twasslu sabiex ma jissottomettix l-offerta tiegħu (jew li joffri prezz ogħla). Dak li jixtieq huwa, sempliċiment, li din il-klawżola tiġi interpretata fis-sens li ma timplikax l-obbligu li r-rekuperaturi difettużi jiġu ssostitwiti għat-tieni darba.

[12] Sentenza tas-7 ta' Settembru 2016, Finn Frogne (C-549/14, EU:C:2016:634, id-dispożittiv). Il-modifika kienet saret matul il-faži ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt.

[13] Il-punt 29 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-Gvern Pollakk.

[14] Direttiva tal-Kunsill 89/665/KEE tal-21 ta' Diċembru 1989 dwar il-koordinazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi rigward l-applikazzjoni tal-proċeduri ta' reviżjoni għall-għoti ta' kuntratti ta' provvista pubblika u xogħlijiet pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal provvisti u għal xogħlijiet] (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1, p. 246 u rettifika fil-ĠU 2016, L 63, p. 44).

[15] Nirreferi għall-konklużjonijiet tiegħi tas-17 ta' Ottubru 2024 fil-kawża Fastned Deutschland (C-452/23, EU:C:2024:894).

46. Sa fejn l-interpretazzjoni sostnuta mill-awtorità kontraenti għad-dħul fis-seħħ fil-fażi ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt timplika żnaturament tal-klawżoli kuntrattwali miftiehma (fis-sens imsemmi mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta)[16], id-diskussjoni tkun testendi, indirettament, għat-termini tal-għoti nnifsu.

47. Finalment, l-ittra ta' garanzija għandha tinftiehem bħala kundizzjoni speċjali fir-rigward tal-*eżekuzzjoni tal-kuntratt*, suġġetta għall-Artikolu 26 tad-Direttiva 2004/18. Skont dan, l-awtoritajiet kontraenti jistgħu jirrikjeduha, dejjem jekk tkun kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni u tiġi indikata fl-avviż tal-kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet[17].

48. Peress li l-ittra ta' garanzija taffettwa t-twettiq tal-obbligi kuntrattwali, ladarba l-kuntratt jiġi ffirmat, ma jkun hemm ebda ostakolu insormontabbli sabiex tiġi kklassifikata, fl-aħħar mill-aħħar, bħala kundizzjoni għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt. Ladarba jkun ġie vverifikat li ġiet stabbilita fl-avviż tal-kuntratt jew fl-ispeċifikazzjonijiet[18], ikun meħtieġ li jiġi deċiż jekk tikkonformax mad-dritt tal-Unjoni, speċifikament mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' trasparenza.

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti li l-prinċipji tal-kuntratti pubbliċi jkunu relatati mal-fażi ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt[19]: "l-awtoritajiet kontraenti għandhom josservaw, *matul il-proċedura kollha*, il-prinċipji ta' għoti ta' kuntratti stabbiliti fl-Artikolu 18 tad-Direttiva 2014/24, fejn fosthom jinsabu, b'mod partikolari, il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' trasparenza u ta' proporzjonalità"[20].

50. Wara li ġie stabbilit ir-riferiment għal ugwaljanza fit-trattament, in-nondiskriminazzjoni u t-trasparenza fil-premessi suċċessivi tad-Direttiva 2014/24, huwa loġiku l-Artikolu 18(1) tagħha jiġi interpretat li jistabbilixxi dawn il-prinċipji gwida tal-kuntratti pubbliċi, fis-sens li ma humiex limitati għall-fażi tal-għoti tal-kuntratt.

51. Huwa minnu li din il-ġurisprudenza ġiet deċiża fir-rigward tad-Direttivi dwar il-kuntratti pubbliċi tal-2014, li huma inapplikabbli hawnhekk *ratione temporis*. Madankollu, ma nsibx diffikultajiet insormontabbli sabiex tiġi estiża, suġġett għal differenzi, għall-kuntratti rregolati mid-Direttiva 2004/18, li l-prinċipji ta' għoti ta' kuntratti tagħha (l-Artikolu 2) għandhom jiġu osservati fil-fażijiet kollha tal-ħajja tal-kuntratt.

52. Altrimenti, jiġi prodott effett li ma huwiex mixtieq, li rreferiet għalih il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Il-Kummissjoni vs CAS Succhi di Frutta, iċċitata iktar 'il fuq: "jekk l-entità kontraenti kellha tiġi awtorizzata sabiex timmodifika fid-diskrezzjoni tagħha, *matul il-fażi ta'*

[16] Sentenza tad-29 ta' April 2004 (C-496/99 P, EU:C:2004:236, punt 120).

[17] Fil-konklużjonijiet tiegħi tat-28 ta' Jannar 2021, il-kawża Riigi Tugiteenuste Keskus (C-6/20, EU:C:2021:79, punt 79), stqarrejt li "[l]-ġurisprudenza tat attenzjoni lil dawn il-kondizzjonijiet partikolari meta dawn ikunu ddettati minn 'kunsiderazzjonijiet soċjali', u b'hekk iffokat l-attenzjoni fuq uħud minn dawk li jibbenefikaw mid-dikjarazzjoni miftuħa fl-aħħar sentenza tal-Artikolu 26 tad-Direttiva 2004/18. Xejn ma jipprekludi li dawn jestendu għal oqsma oħra, peress li r-riferiment għall-'kunsiderazzjonijiet soċjali u ambjentali' isir bħala eżempju ('partikolarment')".

[18] Il-qari tad-digriet tar-rinviju jagħti x'tifhem li l-klawżola kkontestata dehret fl-avviż tas-sejħa għal offerti u li d-dubju huwa biss rigward l-applikabbiltà tal-Artikolu 581(1) tal-Kodiċi Ċivili, peress li, skont Veolia, la l-kuntratt u lanqas l-avviż tas-sejħa għal offerti ma "indikaw li dik id-dispożizzjoni kienet applikabbli għall-garanzija mogħtija mill-kuntratturi".

[19] Ir-rabta bejn l-Artikolu 18(1) u l-Artikolu 70 tad-Direttiva 2014/24 tista' tiġi evalwata fis-sentenza tat-8 ta' Lulju 2021, Sanresa (C-295/20, EU:C:2021:556, punt 63 u d-dispożittiv, punt 2); u fis-sentenza tas-7 ta' Settembru 2021, Klaipėdos regiono atliekų tvarkymo centros (C-927/19, EU:C:2021:700, punt 90).

[20] Sentenza tas-26 ta' Settembru 2019, Vitali (C-63/18, EU:C:2019:787, punt 39). Korsiv miżjud minni. Din kienet kawża relatata mas-subkuntrattar, li, kif diġà enfasizzajt u bħall-kundizzjonijiet ta' eżekuzzjoni, huwa rregolat mid-Direttiva 2014/24 fil-kapitolu ddedikat għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt.

eżekuzzjoni tal-kuntratt, il-kundizzjonijiet tal-offerti nfushom, mingħajr ma d-dispożizzjonijiet applikabbli rilevanti li jkun fihom awtorizzazzjoni espressa f'dan ir-rigward, it-termini tal-għoti tal-kuntratt, bħalma kienu stipulati inizjalment, jiġu żnaturati"[21].

53. Konsegwentement, ma nara l-ebda ostakolu għall-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipprovdi lill-qorti tar-rinviju, f'din il-kawża, l-interpretazzjoni tal-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18.

B. Risposta għad-domanda preliminari

54. Jidhirli li huwa xieraq li jiġu riflessi, mill-bidu, it-termini tad-dibattitu bejn il-partijiet dwar il-klawżola ta' garanzija miftiehma u d-delimitazzjoni tal-validità tagħha:

– Taħt il-kuntratt, ġie stabbilit perijodu ta' garanzija li kien jibda mid-data tal-kunsinna taċ-ċertifikat finali tax-xogħol u kien jiskadi sitta u tletin xahar wara (jiġifieri, mhux iktar tard mit-30 ta' April 2015). Il-garanzija kienet għalhekk fis-seħħ meta l-awtorità kontraenti rrapportat l-"ewwel ħsarat" lil Veolia, li Veolia aċċettat mingħajr riżerva.

– Għall-kuntrarju, meta l-awtorità kontraenti informat lil Veolia bit-"tieni ħsarat" (fis-27 ta' Novembru 2018), dan it-terminu ta' sitta u tletin xahar kien diġà skada. Huwa kkontestat jekk, minkejja din l-iskadenza, il-perjodu kienx reġa' beda jiddekorri minn meta saret il-kunsinna, minn Veolia, tar-rekuperaturi mibdula (rispettivament, fit-22 ta' Frar 2016 għar-rekuperatur tal-linja 2 u fit-28 ta' April 2016 għar-rekuperatur tal-linja 1) sabiex issewwi l-ewwel ħsarat.

– Skont l-awtorità kontraenti, it-tiġdid tal-perijodu għal sitta u tletin xahar ieħor huwa dovut għall-applikazzjoni tar-regoli ġenerali tad-dritt Pollakk, li kienet tirreferi għalihom l-ittra ta' garanzija. Skont is-subklawżola 6.1 tagħha, fi kwistjonijiet li ma humiex irregolati minn din l-ittra, ikunu japplikaw ir-regoli korrispondenti tad-dritt Pollakk, fosthom dawk tal-Kodiċi Ċivili. Skont l-Artikolu 581(1) ta' dan il-Kodiċi, dwar il-kuntratt ta' bejgħ, il-perijodu ta' garanzija jerġa' jiġi kkalkolat mill-mument tal-kunsinna tal-oġġett li ma jkunx difettuż jew ir-ritorn tal-oġġett imsewwi.

– Veolia, min-naħa l-oħra, issostni li l-kuntratt, billi kien jirregola l-ittra ta' garanzija, ippreċiża b'mod sħiħ u preċiż l-istipulazzjonijiet relatati mal-garanzija. Mill-formulazzjoni tiegħu huwa dedott li l-partijiet fil-kuntratt ma kellhomx l-intenzjoni li japplikaw it-tiġdid tal-garanzija lil hinn minn dak li kien miftiehem.

– Veolia żżid li l-Artikolu 581(1) tal-Kodiċi Ċivili, li jirreferi għall-kuntratt ta' bejgħ, ma kienx applikabbli. La l-partijiet fil-kuntratt u lanqas l-awtorità kontraenti fl-avviż tas-sejħa għal offerti ma indikaw li din id-dispożizzjoni kienet estiża għall-garanzija mogħtija. L-applikazzjoni tagħha b'analoġija tkun inkompatibbli mal-prinċipji ta' trasparenza, ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' kompetizzjoni ġusta li jinsabu fid-Direttiva 2004/18, peress li timplika riferiment għal kundizzjonijiet li ma jirriżultawx b'mod ċar mill-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal offerti jew mid-dispożizzjonijiet attwali tad-dritt nazzjonali, iżda biss mill-interpretazzjoni ta' dawn tal-aħħar.

55. Il-qorti tar-rinviju, bħala raġunijiet għar-rinviju għal deċiżjoni preliminari, tesponi uħud li jirrigwardaw id-dritt nazzjonali (punti 34 sa 42 tad-digriet tar-rinviju) u oħrajn li jirrigwardaw id-dritt tal-Unjoni (punti 44 sa 53 tal-istess digriet).

[21] Sentenza tad-29 ta' April 2004 (C-496/99 P, EU:C:2004:236, punt 120). Korsiv miżjud minni.

56. Jiena nemmen li din is-sistema fl-espożizzjoni tista' tgħin sabiex tinftiehem aħjar id-domanda preliminari. Qabel ma jiġi eżaminat jekk klawżola kuntrattwali, jew l-interpretazzjoni tagħha, tkunx konformi mad-Direttiva 2004/18, jeħtieġ li tiġi ċċarata l-*interpretazzjoni* li tagħmel il-qorti tar-rinviju tagħha.

57. Fil-prinċipju, hija l-qorti tar-rinviju, u mhux il-Qorti tal-Ġustizzja, li għandha tinterpreta l-klawżoli tal-kuntratti li dwarhom jinħoloq tilwim bejn il-partijiet, fid-dawl tal-formulazzjoni tagħhom, l-intenzjoni tal-partijiet kontraenti u r-regoli tad-dritt intern li jirregolaw dawn il-kuntratti.

58. Abbażi ta' din il-premessa, il-qorti tar-rinviju għandha tivverifika jekk, fir-rigward tad-dritt intern, l-ittra ta' garanzija: a) kienx fiha regolazzjoni eżawrjenti tal-perijodu li fih ikollha effett, jiġifieri sitta u tletin xahar wara l-kunsinna taċ-ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet, mingħajr ma jkun impost it-tiġdid tiegħu; jew b) wasslitx, permezz tas-subklawżola 6.1, sabiex dak il-perijodu jiġi mġedded meta kienu applikabbli r-regoli supplettivi tad-dritt Pollakk, u speċjalment dawk tal-Kodiċi Ċivili.

59. Kieku l-qorti tar-rinviju aċċettat l-ewwel waħda minn dawn is-soluzzjonijiet, it-tilwima kienet tiġi solvuta u probabbilment ma kinitx tkun teħtieġ l-assistenza għal deċiżjoni preliminari tal-Qorti tal-Ġustizzja.

60. Madankollu, kollox jidher li jindika li l-qorti tar-rinviju ma teskludix l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Ċivili għall-kawża inkwistjoni (jiġifieri, it-tieni waħda mill-għażliet li indikajt hawn fuq).

61. Fil-fatt, hija tindika fid-digriet tar-rinviju li "huwa xieraq li jiġu applikati, b'analoġija, f'materji li ma humiex irregolati mill-klawżoli kuntrattwali, id-dispożizzjonijiet tal-[Kodiċi Ċivili] dwar il-garanzija fil-kuntest tal-bejgħ għall-garanzija pprovduta għall-oġġett tal-kuntratt ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni"[22]. Fl-opinjoni tagħha, "il-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar il-kuntratti pubbliċi […] ma teskludux l-applikazzjoni b'analoġija tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali li fir-rigward tagħhom ma hemm l-ebda riferiment espliċitu fil-klawżoli kuntrattwali, fl-ispeċifikazzjonijiet tas-sejħa għal offerti jew fid-dispożizzjonijiet legali li jirregolaw it-tip ta' kuntratt li fuqu hija bbażata s-sejħa għal offerti"[23].

62. Ir-riflessjonijiet li ser nippreżenta hawn taħt għandhom jassumu bħala premessa l-interpretazzjoni li l-qorti tar-rinviju tagħmel tal-kuntratt inkwistjoni. Jiena ser niffoka fuq l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trasparenza, marbut mill-qrib ma' dak tal-ugwaljanza fit-trattament.

63. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, "l-obbligu ta' trasparenza, li huwa korollarju tal-prinċipju ta' ugwaljanza, għandu essenzjalment l-għan li jiżgura li kull operatur ikkonċernat ikun jista' jiddeċiedi li jagħmel offerti wara sejħiet għal offerti fuq il-bażi tal-informazzjoni rilevanti kollha u li jiggarantixxi l-assenza ta' riskju ta' favoritiżmu u ta' arbitrarjetà min-naħa tal-awtorità kontraenti."[24].

[22] Digriet tar-rinviju, punt 39.

[23] Digriet tar-rinviju, punt 41.

[24] Sentenza tat-22 ta' Ġunju 2017, Unibet International (C-49/16, EU:C:2017:491, punt 46).

64. L-obbligu ta' trasparenza joffri żewġ aspetti:

– L-ewwel, "jirrikjedi mill-awtorità kontraenti grad ta' pubbliċità xieraq, li jippermetti, minn naħa, ftuħ għall-kompetizzjoni [tal-proċeduri ta' għoti ta' kuntratt] u, min-naħa l-oħra, il-kontroll tal-imparzjalità tagħhom" [25].

– It-tieni, "jimplika li l-kundizzjonijiet u l-modalitajiet kollha tal-proċedura tal-għoti jkunu fformulati b'mod ċar, preċiż u univoku, b'mod […] li jippermetti lill-offerenti kollha raġonevolment informati u b'diliġenza ordinarja jifhmu l-portata eżatta tagħhom u li jinterpretawhom bl-istess mod […]" [26].

65. Dan l-aħħar approċċ huwa dak rilevanti f'din il-kawża. Kif diġà spjegajt, il-qofol tat-tilwima huwa li jiġi deċiż jekk, fid-dawl tat-termini li bihom tfassal il-kuntratt, Veolia kinitx f'pożizzjoni li tkun taf x'kundizzjonijiet kienet qiegħdha timpenja ruħha għalihom verament permezz tal-firma tagħha.

66. Il-qorti tar-rinviju tagħti attenzjoni, b'mod partikolari, lill-applikazzjoni eventwali tas-sentenza Pizzo [27] għall-każ li għandu jiġi solvut, minkejja li rrikonoxxiet li din il-kawża kienet tirreferi għall-esklużjoni ta' offerent mill-proċedura ta' għoti ta' kuntratti minħabba inċident fil-fażi ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt.

67. Fid-digriet tar-rinviju, ladarba ġie traskritt il-punt 51 tas-sentenza Pizzo [28], il-qorti tar-rinviju:

– Tirrakkomanda "applikazzjoni usa'" tal-ġurisprudenza li tinsab fis-sentenza Pizzo. Għalhekk, ikun "inammissibbli li jiġu dedotti biss mill-interpretazzjoni ta' dritt nazzjonali […] obbligi li ma jirriżultawx direttament mid-dritt nazzjonali fis-seħħ u mill-ispeċifikazzjonijiet" [29].

– Tiddubita jekk l-offerenti raġonevolment informati sew u diliġenti jkunux f'pożizzjoni li jikkalkolaw il-prezz li jippreżentaw fl-offerti tagħhom, jekk il-portata tal-obbligi tagħhom, fir-rigward tal-garanzija, tiġi stabbilita bl-applikazzjoni b'analoġija ta' xi dispożizzjonijiet (iddisinjati għal kategorija oħra ta' kuntratti) li l-interpretazzjoni tagħhom tirriżulta mill-prattika tal-awtoritajiet nazzjonali li, barra minn hekk, ma hijiex uniformi [30].

68. Fil-kawża Pizzo, kien diskuss l-esklużjoni ta' offerent talli ma ssodisfa l-ebda wieħed mir-rekwiżiti ta' ammissibbiltà sabiex jipparteċipa fil-proċedura ta' għoti ta' kuntratti. Il-kundizzjoni li kienet tiddetermina l-esklużjoni ma kinitx inkluża espressament fl-avviż tas-sejħa tal-offeri u lanqas fl-ispeċifikazzjonijiet, iżda setgħet tiġi dedotta mir-regoli nazzjonali ta' portata ġenerali.

[25] Sentenza tal-4 ta' April 2019, Allianz Vorsorgekasse (C-699/17, EU:C:2019:290, punt 61).

[26] *Ibidem*, punt 62.

[27] Sentenza tat-2 ta' Ġunju 2016, Pizzo (C-27/15, EU:C:2016:404). Iktar 'il quddiem, is-"sentenza Pizzo".

[28] "[I]l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-obbligu ta' trasparenza għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-esklużjoni ta' operatur ekonomiku mill-proċedura ta' għoti ta' kuntratt pubbliku bħala riżultat tan-nuqqas ta' osservanza, min-naħa tiegħu, ta' obbligu li ma jirriżultax espressament fid-dokumenti relatati ma' din il-proċedura jew mil-liġi nazzjonali fis-seħħ, iżda minn interpretazzjoni ta' din il-liġi u ta' dawn id-dokumenti kif ukoll mill-mili ta' lakuni, min-naħa tal-awtoritajiet jew qrati amministrattivi nazzjonali, li jinsabu f'dawn id-dokumenti".

[29] Digriet tar-rinviju, punt 53.

[30] Digriet tar-rinviju, punt 53, *in fine*.

69. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet li l-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-obbligu ta' trasparenza kienu ġew osservati fil-kawża Pizzo. Fl-opinjoni tagħha, u fil-qosor ħafna, ma kinitx ammissibbli interpretazzjoni tat-termini tal-ispeċifikazzjonijiet li l-parteċipanti fil-proċedura ta' għoti ta' kuntratti (speċjalment jekk kienu involuti operaturi barranin) ma setgħux jipprevedu b'mod raġonevoli.

70. Ċertament, is-sentenza Pizzo interpretat il-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament u l-obbligu ta' trasparenza fil-kuntest ta' proċedura ta' għoti ta' kuntratti. Madankollu, jekk naċċettaw, kif issuġġerejt [31], li l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 jista' jiġi invokat ukoll, *mutatis mutandis*, f'ċirkustanzi bħal dawk ta' din il-kawża, ma jkun hemm ebda problema li jiġu estiżi għalih id-dikjarazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dik is-sentenza.

71. Fuq il-bażi ta' din il-premessa, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tevalwa sa liema punt interpretazzjoni tal-ittra ta' garanzija (inkluża s-subklawżola 6.1) li tippermetti lill-awtorità kontraenti titlob it-tiġdid tat-terminu miftiehem kienet, jew ma kinitx, raġonevolment prevedibbli għal operatur diliġenti.

72. Sabiex tintlaħaq din l-interpretazzjoni, jistgħu jintużaw żewġ approċċi, skont jekk wieħed iqisx biss it-termini stretti u letterali tal-ittra ta' garanzija, iktar milli l-kundizzjonijiet suġġettivi tal-operatur u l-kuntest kuntrattwali u regolatorju, jew, għall-kuntrarju, jekk jingħatax iktar attenzjoni lil dawn il-fatturi msemmija l-aħħar.

73. Ikun xi jkun l-approċċ adottat, fil-fehma tiegħi, il-qofol huwa l-prevedibbiltà (raġonevoli) tas-soluzzjoni adottata. Prevedibbiltà li, min-naħa tagħha, hija relatata mal-għarfien tad-dritt nazzjonali u mal-grad ta' ċertezza legali li dan għandu jipprovdi lill-operaturi ekonomiċi fil-qafas tal-kuntratti pubbliċi.

74. Għal dawn il-finijiet, kif tenfasizza ġustament il-qorti tar-rinviju, it-tul tal-perijodu ta' garanzija huwa fattur rilevanti għall-operaturi ekonomiċi sabiex jistabbilixxu b'mod xieraq il-prezzijiet tal-offerti tagħhom. Dawn it-termini għandhom jirriżultaw ċari mill-ispeċifikazzjonijiet u mid-dokumenti kuntrattwali oħra.

75. Barra minn hekk, tista' sseħħ distorsjoni tal-kompetizzjoni għad-detriment tal-operaturi ekonomiċi minn Stati Membri oħra jekk dawn, kunfidenti fit-tfassil tal-klawżola ta' garanzija, jiffaċċjaw sussegwentement interpretazzjoni tal-kontenut tagħha li ma setgħux raġonevolment jipprevedu.

76. Il-kundizzjonijiet kuntrattwali għandhom, b'mod indipendenti, jippermettu lill-partijiet ikkonċernati kollha jifhmu l-kontenut u l-portata tagħhom. B'dan il-mod biss ikunu ggarantiti t-trasparenza u ċ-ċertezza legali essenzjali.

77. Fil-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Pizzo ddikjarajt li "ikun illoġiku li l-awtoritajiet kontraenti jkunu obbligati wkoll li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet imposti minn dispożizzjonijiet regolatorji ta' portata ġenerali li offerent 'raġonevolment informat u normalment diliġenti' ma jistax jinjora" [32].

[31] Punti 35 sa 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[32] Konklużjonijiet tal-21 ta' Jannar 2016 (C-27/15, EU:C:2016:48, punt 52). Għandi nfakkar li, fil-kawża Pizzo, id-dokumenti tal-proċedura ta' sejħa għal offerti ma kienu jinkludu ebda riferiment għall-kundizzjoni li tiddetermina l-esklużjoni tal-offerenti (nuqqas ta' ħlas ta' kontribuzzjoni stabbilita mil-liġi). Hawnhekk, l-ittra ta' garanzija ffirmata minn Veolia hija rregolata fil-kuntratt u, għal dak li ma huwiex irregolat, tagħmel riferiment speċifiku għar-"regoli korrispondenti tad-dritt Pollakk, b'mod partikolari tal-Kodiċi Ċivili".

78. Issa ntenni din id-dikjarazzjoni, iżda minnha ma jistax jiġi dedott il-kunsens tiegħi li naċċetta obbligi kuntrattwali li l-prevedibbiltà tagħhom ma tistax tiġi raġonevolment dedotta mill-qari tal-kuntratt innifsu, anki meta jkunu integrati ma' dawk id-dispożizzjonijiet normattivi ġenerali li huma applikabbli b'mod inkontestabbli.

79. Il-qorti tar-rinviju, għalhekk, għandha tevalwa jekk, f'dan il-każ, kinitx tkun ammissibbli interpretazzjoni tal-ittra ta' garanzija li, lil hinn mill-kliem letterali tagħha, tat lok għall-applikazzjoni supplettiva ta' regoli tal-Kodiċi Ċivili Pollakk relatati mat-tiġdid tal-perijodi ta' garanzija fil-kuntratti ta' bejgħ.

80. Sabiex tgħin f'din l-evalwazzjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-informazzjoni li ġejja:

– Jekk il-partijiet fil-kuntratt jistabbilixxu espressament perijodu ta' garanzija speċifiku, filwaqt li jiddelimitaw it-tul tiegħu u d-dati inizjali u finali tiegħu, mingħajr ma jikkontemplaw it-tiġdid tiegħu, dan ir-reġim jista' jitqies komplut u magħluq fih innifsu. Għalhekk ma jkunx hemm bżonn riferiment għal regoli ġenerali tad-dritt intern, peress li r-rieda kuntrattwali, li l-legalità tagħha ma hijiex ikkontestata, tkun ġiet espressa b'mod ċar.

– Il-kontenut tas-subklawżola 6.1 jestendi biss għall-"kwistjonijiet li ma humiex irregolati b'din l-ittra ta' garanzija". Peress li l-kwistjoni tal-perijodu ta' garanzija kienet *kwistjoni rregolata* f'dik l-ittra, id-dispożizzjoni tas-subklawżola 6.1 ma tapplikax.

– Jekk tiġi aċċettata l-applikazzjoni tar-regoli tal-Kodiċi Ċivili (li tkun supplettiva, iktar milli b'analoġija), l-interpretazzjoni tar-regoli tal-Artikolu 581(1) tiegħu għandha tiġi imposta b'tali evidenza li ma tammettix dubji għal operatur diliġenti u raġonevolment informat [33].

– Mid-digriet tar-rinviju ma jidhirx li jiġi dedott li interpretazzjoni tal-Artikolu 581(1) tal-Kodiċi Ċivili li testendi r-regoli tal-kuntratt ta' bejgħ għal dawk ta' eżekuzzjoni ta' xogħlijiet hija kondiviża unanimament mill-ġurisprudenza jew mill-qrati nazzjonali b'mod ġenerali [34]. Għall-kuntrarju, hemm dubji dwar il-vijabbiltà legali ta' din l-interpretazzjoni.

– Fin-nuqqas ta' riferiment espliċitu għall-garanzija meħtieġa għall-kuntratti ta' bejgħ (normalment ispirata mill-għan ta' protezzjoni tal-konsumaturi), il-loġika inerenti għall-garanzija mogħtija fil-kuntratti ta' kostruzzjoni għal xogħlijiet konklużi bejn professjonisti hija, mil-lat ekonomiku, differenti [35].

– Sabiex jiġi ddeterminat jekk, minkejja kollox, il-konsorzju li kienet tagħmel parti minnu Veolia kienx f'pożizzjoni li jkun jaf b'mod raġonevoli, mill-bidu, l-interpretazzjoni tal-ittra ta' garanzija

[33] Il-Gvern Pollakk jaċċetta li l-interpretazzjoni tal-kuntratt li minnha jiġi dedott obbligu li ma huwiex espressament previst fih, iżda li jirriżulta mid-dispożizzjonijiet nazzjonali li jirreferi għalihom, tkun vijabbli sa fejn il-kuntrattur raġonevolment informat u normalment diliġenti ma setax jinjora dawk id-dispożizzjonijiet (punt 47 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu).

[34] Il-punt 39 tad-digriet tar-rinviju: "[…] l-applikazzjoni b'analoġija għall-kuntratt ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni tad-dispożizzjonijiet relatati mal-garanzija fil-kuntratt ta' bejgħ tqajjem kontroversja kemm fil-ġurisprudenza tal-qrati nazzjonali kif ukoll fil-duttrina". Il-punt 36 tal-istess digriet jindika li "fil-25 ta' Diċembru 2014, daħlet fis-seħħ ir-riforma tal-Artikolu 638 tal-[Kodiċi Ċivili], li jirregola l-kuntratt […] tax-xogħol, li permezz tagħha ġie introdott il-paragrafu 2 tal-imsemmi artikolu, skont liema, meta tkun ġiet ipprovduta garanzija lix-xerrej għax-xogħol eżegwit, id-dispożizzjonijiet dwar il-garanzija fil-bejgħ għandhom jiġu applikati *mutatis mutandis* iżda din ir-regola ma hijiex applikabbli għat-tilwima".

[35] Veolia tirreferi għal din il-kwistjoni fin-nota numru 3 tal-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, filwaqt li tenfasizza li t-tiswija jew is-sostituzzjoni tal-elementi ta' installazzjoni għandha spejjeż u riskji differenti ħafna minn dawk inerenti għall-bejgħ ta' oġġetti għall-konsum mill-pubbliku (li l-produzzjoni tagħhom hija kkaratterizzata minn spiża marġinali minima). Il-garanzija pprovduta f'ċerti kuntratti u f'oħrajn ma tistax, konsegwentement, tiġi kkomparata ma' dan.

li l-awtorità kontraenti sostniet iktar tard, wieħed jista' jirreferi għal fatturi bħall-istabbiliment fil-Polonja tal-kumpannija ewlenija u ta' membru ieħor tal-konsorzju, jew l-esperjenza tagħhom fil-qasam tal-kostruzzjoni ta' xogħlijiet li għaliha jappartjeni s-suġġett tal-kuntratt.

– Bl-istess mod, jista' jkun rilevanti li l-interpretazzjoni tal-kontenut tal-ittra ta' garanzija mwettqa mill-awtorità kontraenti kienet magħrufa biżżejjed fis-settur, sabiex Veolia jew komponenti oħra tal-konsorzju setgħu faċilment jaċċedu għaliha, wara parir, jekk applikabbli, dwar l-estensjoni temporanja tal-garanzija fid-dawl tar-regoli tal-Kodiċi Ċivili Pollakk.

81. Fil-qosor, nifhem illi l-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 ma jipprekludux, bħala regola ġenerali, l-inklużjoni f'kuntratt pubbliku għal eżekuzzjoni ta' xogħlijiet ta' klawżola li tirreferi, sabiex tistabbilixxi l-portata temporali tal-obbligu ta' garanzija tal-kuntrattur u fi kwistjonijiet li ma humiex irregolati f'dik il-klawżola, għar-regoli tal-Kodiċi Ċivili nazzjonali. Dawn il-prinċipji ma humiex kompatibbli, madankollu, ma' interpretazzjoni ta' dik il-klawżola li, bl-estensjoni tal-perijodu ta' garanzija lil hinn minn dak miftiehem mill-partijiet, tirriżulta imprevedibbli għal kuntrattur raġonevolment informat u normalment diliġenti, li għandu jiġi ddeterminat mill-qorti tar-rinviju.

V. Konklużjoni

82. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet esposti iktar 'il fuq, nipproponi li r-risposta tal-Qorti tal-Ġustizzja għad-domandi tas-Sąd Okręgowy w Warszawie (il-Qorti Reġjonali ta' Varsavja, il-Polonja) tkun fit-termini li ġejjin:

"L-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi],

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

ma jipprekludix l-inklużjoni ta' klawżola f'kuntratt pubbliku għal eżekuzzjoni ta' xogħlijiet li tirreferi, sabiex tistabbilixxi l-portata temporali tal-obbligu ta' garanzija tal-kuntrattur u fi kwistjonijiet li ma humiex irregolati f'dik il-klawżola, għar-regoli tal-Kodiċi Ċivili nazzjonali.

Il-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' trasparenza stabbiliti fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2004/18 ma humiex kompatibbli, madankollu, ma' interpretazzjoni ta' din il-klawżola li, minħabba l-estensjoni tal-perijodu ta' garanzija lil hinn minn dak miftiehem mill-partijiet, ma tkunx prevedibbli għal kuntrattur raġonevolment informat u normalment diliġenti, li għandu jiġi ddeterminat mill-qorti tar-rinviju".